MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1602/2001/1

**Emmanuel Delicata & Sons Ltd**

**Vs**

**Nicholsons The Supermarkets Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet illi hija kreditrici tas-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’ dsatax-il elf tmin mija u erbgha u sittin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm19,864.33) bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ merci lilha mibjugha u konsenjati.

Premess illi minkejja nterpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Taqta u tiddeciedi l-kawza a tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 u cioe' bid-dispensa tas-smiegh.

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' dsatax-il elf tmin mija u erbgha u sittin liri maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm19,864.33) dovuti kif fuq inghad.
Bl-ispejjez komprisi dawk tal-mandat ta' qbid Nru. 2687/01 u bl-imghax legali.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat il-verbal tas-socjeta' konvenuta li bih iddikjarat li l-ammont dovut minnha huwa ta' ghaxart elef tlett mija u tlett liri Maltin u ghoxrin centezmi (Lm10,303.20);

Rat il-verbal tal-21 ta' Mejju 2003 fejn is-socjeta' attrici ddikjarat li l-ammont dovut huwa ta' ghaxart elef tlett mija u tlett liri Maltin u ghoxrin centezmi (Lm10,303.20);

Rat l-atti tal-kawza.

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta ghal ammont ta' ghaxart elef tlett mija u tlett liri Maltin u ghoxrin centezmi (Lm10,303.20); bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------